MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2675/2002

***Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company, kif surrogati fid-drittijiet ta' Anthony Cutajar u l-istess Anthony Cutajar***

***vs***

***Sharon Axiaq***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm146.95) rappresentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fit- 2 ta' Awissu 2001 fil-Qasam Industrijali Marsa bejn vettura Hyundai Pony IAR 532 ta' Anthony Cutajar u Austin metro numru LIZ 023 misjuqa mill-konvenuta, liema danni huma dovuti in kwantu ghal Lm46.95 lis-socjeta' attrici u Lm100 lill-attur Anthony Cutajar u dana kif jirrizulta mid-dokument P

anness ma’ l-avviz, ghal liema incident stradali tahti unikament l-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine et , li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ r-ricevuti tal-hsarat imhallsa, Dokumenti P sa P4, kif ukoll ir-*road accident report.*

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm146.95).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------